31 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

May Cooper *versus* Giuseppe Busuttil et.

**Serq — Restituzzjoni ta' l-Oġġett Misruq — Indennizz — Bwona Fede — Kolpa — Art. 596 (1) u (2) tal-Kodiċi Civili.**

*Min jakkwista oġġett li jirriżulta li kien misruq huwa obligat iroddu lil sidu mingħajr indennizz. Biex ikun jista' jirreklama l-indennizz hemm bżonn jipprova li huwa xtara l-oġġett in bwona fede, b'titolu oneruż, u minn għand min, milli kien jidher, seta' kien sid dak l-oġġett jew seta' kien imqabbad minn sidu biex jiddisponi minnu.*

*Dawn it-tliet elementi jfissru li min xtara l-oġġett għandu jipprova mhux biss li xtrah in bwona fede, imma wkoll li ma kien f'ebda kolpa meta xtrah.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet li jkun hemm lok għalihom, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni, wara li ppremettiet illi fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' April 1949, l-attriċi kienet ġiet misruqa minn diversi ġjojjali tad-deheb u oġġetti prezzjużi oħra, kif jidher minn nota annessa mal-proċess (dok. A), minn persuni dak il-ħin skonoxxuti, li daħlu fl-appartament tagħha li kien jinsab fil-flat no. 1, Thornton Street, Phoenicia Flats, tas-Sliema; u illi l-konvenut Busuttil, li huwa ġjojjellier b'negozju l-Belt Valletta, St. Lucy Street, wara illi kien diffidat mill-Pulizija, flimkien ma' ġjojjellieri oħra, per mezz ta' ċirkulari tat-8 jew 9 ta' April 1949, biex joqgħod attent u ma jixtrix dawn l-oġġetti misruqa, li kienu indikati f'din iċ-ċirkulari, xtara, kontra dan l-ordni, l-oġġetti misruqa indikati fin-nota 'B' annessa mal-proċess (dok. B), u barra minn dan, fl-istess ġurnata li xtara, dewweb jew ipprokura t-tidwib ta' brazzuletta jew katina tad-deheb (li kellha valur auki estrinseku għaliex kienet ġejja mill-eredità ta' l-ava tagħha paterna Enrichetta Harding); u illi l-konvenut oppona ruħu għall-iżbank u rtir ta' dawn il-ġjojjali minn naħa ta' l-attriċi — żbank li hija kienet talbet per mezz ta' rikors preżentat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Re fil-5 ta' Ottubru 1949, fejn dawn l-oġġetti kienu ġew depożitati

wara l-attijiet tal-kawża kriminali "Rex vs. Toni Mifsud et.", li kienet ġiet deċiża bil-kundanna ta' l-imputat jew imputati mill-istess Qorti fid-19 ta' Lulju 1949; talbet illi (1) jiġi dikjarat illi l-istess konvenut ma kienx in bwona fede meta xtara dawna l-ġjogali tad-deheb u oġġetti oħra prezzjużi, għaliex xtrahom minn għand min verosimilment ma setax ikun il-proprjetarju tagħhom, u fi kwalunkwe każ kien in kolpa għaliex ma użax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni, li kellu juża bħala ġjojjellier, u partikularment wara illi kien irċieva ċ-ċirkulari fuq imsemmija; (2) konsegwentement l-attriċi tiġi awtorizzata minn dina l-Qorti biex tiżbanka l-istess ġjogali, kif jinsabu depożitati b'ċedola tal-1 ta' Awissu 1949 mid-Deputat Reġistratur Cauchi fil-proċess "Rex vs. Toni Mifsud u oħrajn", u dana mingħajr obligu li tindennizza lill-konvenut u indipendentement mill-oppożizzjoni tiegħu, u fl-istess ħin li huwa jiġi kundannat iħallas lill-attriċi l-valur tal-brazzuletta fuq imsemmija (li ġiet imdewba), li tiswa s-somma ta' £8 jew kwalunkwe somma verjuri, iċken jew akbar. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk taż-żewġ rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Re, wieħed tal-5 ta' Ottubru 1949, u l-ieħor tas-27 ta' Marzu 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti dwar din il-kawża huma dawn. Fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' April 1949, l-attriċi ġiet misruqa mill-oġġetti prezzjużi indikati fil-fol.8 tal-proċess. Kważi immedjatament wara, il-Pulizija ta' tas-Sliema avżat per mezz tat-telefon lill-Pulizija tad-distretti kollha ta' Malta bil-każ, u tathom lista deskrittva ta' l-oġġetti misruqa biex jgħadduha lill-ġjojjellieri tad-distretti tagħhom, bl-iskop li min imur ibiegħ minn dawk l-oġġetti jinqabad. In segwitu, u xi erbat ijiem wara, inbagħtet ċirkulari lill-ġjojjellieri kollha ta' Malta b'lista deskrittiva ta' l-oġġetti misruqa, bi twissija li kellhom joqgħodu attenti u ma jixtrux dawk l-oġġetti, u fi kwalunkwe każ biex jirrappurtaw immedjatament lill-Pulizija jekk u malli jippreżenta ruħu għandhom xi ħadd b'dawk l-oġġetti;

Il-konvenut, li dak iż-żmien kien ġjojjellier b'negozju kif indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, irċieva huwa wkoll dik iċ-ċirkulari, u dan fis-7 ta' l-istess xahar. Xi tmint ijiem wara li kien

irċieva dik iċ-ċirkulari, marra għandu tnejn minn nies u ħadulu xi oġġetti tad-deheb biex ibiegħuhomlu. Il-konvenut bagħathom jiżnu dawk l-oġġetti, għaliex huwa ried jixtriħom bil-karta tal-pizatur. Wieħed minn dawk it-tnejn min-nies ħa d-deheb għand il-pizatur Daniele Bottiglieri, li lilu kienet intbagħtet ukoll ċirkulari bħal dik li ġiet imsemmija. Dan wiżen id-deheb u stmah. Dawk in-nies imbagħad marru għand il-konvenut, li xtara d-deheb bil-prezz kif kien stmah Bottiglieri. Dan kien f'xi l-10 a.m.;

Xi nofs siegħa wara mar għand il-konvenut Domenico Lewis, li jdewweb id-deheb, u l-konvenut tah biex idewwiblu brazzuletta li kienet fost l-oġġetti li hu kien xtara minn għand dawk in-nies. Xi nofs siegħa oħra wara, u meta Lewis kien ġa laħaq telaq b'dik il-brazzuletta, mar għand il-konvenut Maurice Busuttil, ibnu, li appena ra d-deheb li missieru kien xtara minn għand dawk it-tnejn min-nies, induna li dawk l-oġġetti tad-deheb kienu l-istess oġġetti indikati fil-lista tal-Pulizija, u dan ikkonfermah wara li kkonfronta dawk l-oġġetti ma' dik il-lista. Malli l-konvenut sar jaf b'din iċ-ċirkustanza minn għand ibnu, dak il-ħin stess mar bid-deheb li kien xtara, u bil-lista ġa msemmija, għand Bottiglieri, u dan għaraf ukoll li dak id-deheb kien inkluż f'dik il-lista, u li hu ma kienx għarfu qabel sempliċement għaliex, kif xeħed, meta kien mar għandu dak ir-raġel biex jiżinlu d-deheb, huwa kien fittex dik il-lista u ma kienx sabha. Allura l-konvenut bagħat lil ibnu Maurice għand Lewis, biex dan jirrestitwilu l-brazzuletta li kien tah biex idewwibhielu, imma Lewis kien sa dak il-ħin ġa laħaq dewweb dik il-brazzuletta;

F'xi nofs in-nhar, il-konvenut irrapporta lill-Pulizija li hu kien jidhirlu li d-deheb deskritt fil-lista ġa msemmija kien ġie mixtri minnu. Il-Pulizija marret għand il-konvenut u elevat minn għandu f'darbtejn, jiġifieri fl-14 u fis-16 ta' April 1949, l-oġġetti indikati fil-fol. 9 tal-proċess, li l-attriċi identifikat li kienu fost dawk li ġew lilha misruqa. Aktar tard dawk it-tnejn min-nies ġew proċessati kriminalment, u ġew misjuba ħatja ta' serq ta' dawk l-oġġetti. Dawn ġew naturalment konfiskati, u in segwitu depożitati mir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali fir-Reġistru ta' din il-Qorti, biex jingħataw lil min ħaqqu, b'ċedola nru. 10 tat-30 ta' Lulju 1949. L-at-

triċi riedet tiżbankahom, u eżiġiet li l-konvenut jagħtiha wkoll il-prezz tal-brazzuletta fuq imsemmija li huwa dewweb — liema prezz ġie pruvat li huwa dak ta' £6; imma l-konvenut oppona ruħu, billi allega, kif qiegħed jallega, li huwa xtara dawk l-oġġetti in bwona fede. U għalhekk ġiet din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq nuqqas ta' bwona fede, jew almenu fuq "colpa" tal-konvenut, fix-xiri ta' l-oġġetti ġa msemmija. F'dan ir-rigward ma jistax jingħad għal kollox li l-konvenut kien in mala fede meta xtara dawk l-oġġetti. Tassew li huwa xtrahom minn għand nies li ma kienx jafhom, u bla ma staqsihom min kienu, u, kif xehed hu stess, dawk il-bejjiegħa kienu jidhru nies tax-xogħol, waqt li l-oġġetti, speċjalment minħabba s-sigill li kien hemm magħhom, kienu jidhru li jappartjenu lil xi persuni oħra, kif ukoll li hu deher li għaġġel wisq biex bagħat idewweb dak id-deheb. Imma jirriżulta miċ-ċirkustanza li appena ibnu nduna li dawk l-oġġetti kienu inklużi fil-lista mogħtija mill-Pulizija, u wara li huwa aċċerta ruħu minn din iċ-ċirkustanza anki per mezz ta' Bottiglieri, huwa bagħat javża lill Pulizija bix-xiri li kien għamel. B'dana kollu ma jistax ma jingħadx li l-konvenut kien f'kolpa fl-akkwist ta' dawk l-oġġetti, u sa ċertu pont anki fit-tidwib tal-brazzuletta li ssemmiet. Kif jgħallem il-Giorgi (Obbligazioni, Vol. II, para. 18), "dicesi colpa qualunque violazione di un dovere.......... è una volontaria omissione di diligenza, per cui il debitore non prevede le conseguenze del suo fatto, positivo o negativo, e viola, senza avvedersene, un dovere giuridico". Il-konvenut kellu ċirkulari minn għand il-Pulizija biex huwa joqgħod attent u ma jixtrix l-oġġetti tad-deheb li tagħhom kellu l-lista, u biex jirrapporta immedjatament lill-Pulizija malli jippreżenta ruħu għandu xi ħadd biex ibiegħlu dawk l-oġġetti. U huwa xtara l-istess oġġetti bla ma qabel ma xtrahom ħares lejn dik il-lista. Il-konvenut kien ukoll sa ċertu pont f'kolpa, kif ġa ngħad, billi, f'lok ma huwa bagħat għall-brazzuletta minn għand Lewis meta ibnu qallu li dawk l-oġġetti kienu dawk indikati fil-lista, huwa ried jiżgura ruħu u mar għand Bottiglieri. B'dak id-dewmien hu ġie li tilef xi siegħa żgur, b'mod li meta hu bagħat lil ibnu għand Lewis biex iġib il-brazzu-

letta, instab li Lewis kien għadu kemm dewweb dak l-oġġett. Konsegwentement il-konvenut kien f kolpa, billi f'għemilu huwa ma wżax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; u għalhekk hu għandu jirrispondi għall-ħsara li ġrat lill-attriċi b'dik il-ħtija tiegħu (art. 1074, 1075 (1) Kodiċi Ċivili);

Illi fit-trattazzjoni orali tal-kawża l-konvenut issottomenta li hu żgur li ma kellux "kolpa gravi". Imma f'dan ir-rigward jingħad illi "in materia di delitti o di quasi-delitti, perchè la colpa sia presa in considerazione, non è necessario che essa raggiunge un certo grado di gravità................. Ciò che equivale a dire che la colpa la più leggiera basta per far incorrere nella responsabilità stabilita dalla legge" (Baudry, Obbligaz. IV, para. 2868);

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ma jistax jallega li l-oġġetti ma kienux deskritti sewwa fiċ-ċirkulari, u għalhekk ma setax jinduna sewwa li l-oġġetti li huwa xtara minn għand dawk in-nies kienu dawk stess, jew fost dawk, li kienu jidhru f'dik iċ-ċirkulari; u dan għaliex (1) it-tifel tiegħu Maurice mill-ewwel induna b'dik iċ-ċirkustanza, kif induna wkoll mill-ewwel ix-xhud Bottiglieri, u speċjalment (2) għaliex huwa naqas, tant meta dawk in-nies marru biex ibiegħulu l-oġġetti u bagħat-hom għand il-pixatur, kemm wara, meta huma marru għandu bl-oġġetti stmati, milli jivverifika maċ-ċirkulari li kien irċieva mill-Pulizija għal dak l-iskop jekk dawk l-oġġetti kienux jew le jikkorrispondu ma' dawk fil-lista ġa msemmija;

Illi lanqas ma jista' l-konvenut jallega li huwa xtara dawk l-oġġetti wara li kien bagħat jistmahom, u li għalhekk hu kien ottempera ruħu mal-liġi (art. 13 Kap. 74 LL. ta' Malta); u dan għall-istess raġuni, jiġifieri li hu kellu istruzzjoni mill-Pulizija li joqgħod attent qabel jixtri; u apparti jekk Bottiglieri għamelx tajjeb jew ħażin. il-konvenut kien dejjem negliġenti u f'kolpa meta ma segwiex dik l-istruzzjoni;

Illi l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu jidher li qiegħed jinvoka d-dispożizzjoni ta' l-art. 596 (1) tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li, biex l-attriċi tieħu minn għandu dawk l-oġġetti, hija trid tindennizzah, għaliex huwa xtara "in buona fede". Però, skond is-subartikolu 2 ta' dak l-artikolu jirriżulta ċar li, biex

il-konvenut ikun jista' jinvoka u jirreklama dak l-indennizz, hemm bżonn li huwa jipprova tliet ċirkustanzi, jiġifieri (1) li huwa xtara l-oġġetti in bwona fede, (2) b'titolu oneruż, u (3) minn għand min, milli kien jidher, seta' kien sid dawk l-oġġetti, jew seta' kien persuna mqabbda biex tiddisponi minnhom. Apparti li l-konvenut ma ppruvax soddisfaċentement dawn iċ-ċirkustanzi, hu fatt li dawk it-tliet elementi jfissru li l-konvenut għandu jipprova li meta xtara l-oġġetti huwa kien mhux biss "in buona fede", iżda wkoll li huwa ma kien fl-ebda kolpa (Kollez. Vol. XXXII—I—628). U, kif ġa ngħad iżjed 'il fuq, ġie biżżejjed pruvat li l-konvenut kien fi ħtija ("colpa") meta huwa xtara dawk l-oġġetti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi, fis-sens illi (1) tiddikjara li l-konvenut kien "in colpa" meta xtara l-oġġetti indikati fl-att taċ-ċitazzjoni; (2) tawtorizza lill-attriċi teffettwa l-iżbank minnha mitlub fl-istess att, u dan mingħajr l-obbligu li tindennizza lill-konvenut, u indipendentement mill-oppożizzjoni tiegħu; u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi £6 bħala valur jew prezz tal-brazzuletta li ġa ssemmiet. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut kif rappreżentat fil-kawża, li lilu tibqa' riżervata "si et quatenus" kwalunkwe azzjoni ta' regress kontra min jidhirlu li għandu jindennizzah għall-prezz ta' l-oġġetti fuq imsemmijin.